Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2003

Appell Kriminali Numru. 75/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joanna Alison Beirne**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joanna Alison Beirne talli nhar l-24 ta’ Dicembru, 2002 naqset milli taghti access ghal binha minuri lil zewgha u dan kontra dak stipulat fid-digriet tal-Qorti, Sekond Awla, fis-17 ta' Settembru, 2002;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ April, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Joanna Alison Beirne hatja skond l-imputazzjoni dedotta kontra taghha u kkundannatha ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira (Lm25);

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmija Joanna Alison Beirne, minnha pprezentat fit-12 ta’ Mejju, 2003 li permezz tieghu talbet ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta’ Awissu, 2003; ikkunsidrat:

Qabel xejn din il-Qorti tosserva li dan huwa wiehed minn disa’ appelli fl-istess ismijiet minn daqstant sentenzi, ilkoll moghtija fid-29 ta’ April, 2003 mill-istess qorti u sedenti l-istess Magistrat. L-imputazzjonijiet huma wkoll kollha identici hlief ghad-data ta’ l-allegat reat. Il-kopja tad-digriet tas-Sekond Awla u l-kwereli ta’ John Beirne (taht il-firma ta’ l-avukat tieghu Dott. Peter Fenech) jinsabu fl-atti ta’ l-appell 79/03. Mill-bqija kollox, inkluz l-appell, hu identiku.

Fl-udjenza tal-5 ta’ Awissu, 2003 quddiem din il-Qorti l-appellanti, tramite d-difensur taghha l-avukata Dott. Lorraine Schembri Orland iddikjarat li “mhux kontestat li fil-granet indikati fid-diversi imputazzjonijiet hija kienet siefret flimkien mat-tifel minuri minghajr ma kienet infurmat minn qabel lil zewgha b’mod li l-istess zewgha gie pprivat mill-access tal-minuri [recte: ghall-minuri] f’kull wahda minn dawn il-granet”, kif ukoll li “ir-ragel ta’ l-appellanti kellu dritt ta’ access tal-minuri [recte: ghall-minuri] f’kull wahda mill-granet indikati fid-diversi imputazzjonijiet”.

Il-fatti huma li bejn is-17 ta’ Dicembru, 2002 u l-14 ta’ Jannar, 2003 l-appellanti siefret ghal btala fl-iStati Uniti u hadet lit-tifel minuri maghha. Dan ghamlitu minghajr ma infurmat minn qabel lil zewgha. Zewgha kellu dritt ta’ access ghat-tifel kull nhar ta’ Tlieta u nhar ta’ Hamis mit-3.00 pm sas-6.00 pm.

L-appellanti tikkontendi li ma kien hemm ebda divjet li hija ssiefer bit-tifel; li hi ma setghetx tavza lil zewgha li kienet ser issiefer peress li hu stess kien immedjatament qabel imsiefer; u li fil-periodu li fih huwa (cioe` r-ragel) kien imsiefer kien naqas milli jersaq ghall-access. Dawn l-aggravji huma altament fieragh, u kjarament huma r-

rizultat dirett tal-pika jew animosita` li tezisti bejn l-appellanti u zewgha. Galadarba John Beirne kellu dritt ta' access darbtejn fil-gimgha ghal ibnu, martu (l-appellanti), li kellha l-kura u l-kustodja ta' l-istess minuri, ma setghet taghmel xejn li bih, direttament jew indirettament, iccahhad lil zewgha minn tali access. Is-safar in kwistjoni ma kienx mehtieg minn xi haga ta' natura urgenti – bhal, per ezempju, xi kura medika urgenti li t-tifel kellu bzonn barra minn Malta b'mod li ma kienx hemm zmien li l-appellanti tikseb il-kunsens ta' zewgha ghas-safar. Anqas ma tista' l-appellanti validament tilmenta li meta hija kienet barra minn Malta kellha bzonn xi kura medika u ghalhekk damet xi ftit aktar milli kien ippjanat biex tirritorna lura Malta, ghax hija kellha tikseb il-kunsens ta' zewgha biex issiefer bit-tifel qabel ma siefret, u mhux tipprezenta lil zewgha b'*fait accompli*. Konsegwentement anke l-aggravju taghha li l-ewwel qorti cahditilha l-permess sabiex tipproduci certfikat mediku dwar il-kura li giet bzonn meta kienet imsiefra, qed jigi michud, u ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma d-digriet ta' l-ewwel qorti tad-29 ta' April, 2003 (li minnu l-appellanti qed tappella wkoll) li permezz tieghu dik il-qorti cahdet talba ghal differiment sabiex ikun jista' jigi prodott l-imsemmi certifikat.

L-appellanti tilmenta wkoll li d-disa' imputazzjonijiet kienu jammontaw ghal reat kontinwat u li hija "giet iccitata separatament u kumulattivament bi pregudizzju fl-applikazzjoni tal-piena stante li kieku si tratta ta' reat kontinwat zieda fil-piena hija diskrezzjonali ghall-Qorti u mhux tassattiva". F'dan ir-rigward l-appellanti ghandha, f'certu sens, ragun. Ghalkemm meta jkun hemm diversi imputazzjonijiet ta' ksur ta' l-istess disposizzjoni tal-ligi mill-istess persuna hija dejjem il-prosekuzzjoni li ghandha l-ghazla jekk takkuzax separatament jew inkella f'kawza wahda (sia jekk bil-kontinwat jew minghajru), tali diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni ghandha dejjem tigi ezercitata b'mod li ma taggravax ingustament lil dak li jkun. Hekk, per ezempju, jekk il-pulizija tircevi kwerela, m'ghandhiex ghalfejn toqghod tistenna biex tara jekk hux ser ikun hemm kwerela jew kwereli ohra qabel ma tohrog ic-citazzjoni fuq l-ewwel kwerela. Fil-kaz in dizama, pero`, jidher car mill-inkartament fl-atti ta' l-appell nru. 79/03 li l-

avukat ta' John Beirne baghat disa' kwereli (kollha datati 15 ta' Jannar, 2003) lill-pulizija permezz ta' *covering letter* wahda datata 16 ta' Jannar, 2003. Fi kliem iehor, dawn il-kwereli waslu ghand il-Pulizija Ezekuttiva kollha fl-istess gurnata, u ghalhekk din il-Qorti difficilment tifhem ghala inhargu disa' citazzjonijiet separati flok citazzjoni wahda b'disa' imputazzjonijiet (b'mod li seta' jkun hemm l-applikazzjoni tal-Artikolu 17 dwar il-konkors ta' reati u ta' pieni[1]) jew imputazzjoni wahda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 18 (reat kontinwat). Fic-cirkostanzi, ghalhekk, jidher li hemm lok ta' temperament fil-piena.

Ghall-motivi premessi, tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellanti ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) u minflok tikkundannaha ammenda ta' ghaxar liri (Lm10) konvertibbli f'jumejn detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ghalkemm fil-kaz tal-kontravvenzjonijiet il-beneficcju tal-Artikolu 17 huwa limitat hafna – ara l-paragrafu (c) ta' l-imsemmi Artikolu 17.